

[Paġna Ewlenija](#) > [Leġiżlazzjoni U Każistika](#) > [Dritt Internazzjonali](#)

Dritt Internazzjonali

Id-dritt internazzjonali huwa ġabra ta' regoli rikonoxxuti mill-istati jew min-nazzjonijiet bħala vinkolanti fuq ir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom, inklużi r-relazzjonijiet tagħhom ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. Id-dritt internazzjonali ġeneralment ikun inkorporat fi ftehimiet bejn l-Istati sovrani u/jew ikun derivat minn ftehimiet ta' dan it-tip.

Żoni

It-terminu "dritt internazzjonali" jista' jirreferi għal żewġ dixxiplini legali:

- Id-dritt internazzjonali pubbliku: dan jirregola r-relazzjoni bejn l-istati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, fejn jittratta oqsma bħad-drittijiet tal-bniedem, il-liġi tat-trattati, il-liġi tal-baħar, id-dritt kriminali internazzjonali u d-dritt umanitarju internazzjonali.
- Id-dritt internazzjonali privat – jew kunflitt ta' liġijiet – sett ta' regoli tad-dritt proċedurali li jiddeterminaw liema sistema legali tirregola u l-liġi ta' liema ġurisdizzjoni tapplika għal tilwima legali partikolari. Dawn ir-regoli japplikaw meta tilwima legali jkollha element transfruntiera bħal kuntratt miftiehem bejn partijiet li jinsabu fi Stati differenti jew meta l-element transfruntiera jeżisti f'pajjiż b'għadd ta' ġurisdizzjonijiet.

Relazzjoni mal-liġi tal-Unjoni Ewropea (UE)

Għalkemm [il-liġi tal-UE](#) tista' tiġi kkunsidrata bħala forma speċifika ta' dritt internazzjonali, il-korp prinċipali tal-liġi tal-UE għandu xi karatteristiċi partikolari li ġeneralment ma ssibhomx fid-dritt internazzjonali: b'mod partikolari, iċ-ċittadini jistgħu jinvokaw id-drittijiet iggarantiti mil-liġi tal-UE quddiem il-qrati fl-Istati Membri tal-UE, filwaqt li d-dritt internazzjonali jeħtieġ li jiġi traspost f'liġi nazzjonali qabel ma i-ċittadini jkunu jistgħu jinvokawh. Barra minn hekk, id-dritt tal-UE ta' spiss jipprevali fuq il-liġi tal-Istati Membri tal-UE. Din hija r-raġuni għaliex dan il-Portal għandu paġni separati għad-dritt tal-UE u għad-dritt internazzjonali.

Sorsi u bażijiet ta' *data*

Tista' ssib id-dritt internazzjonali prinċipalment fi ftehimiet jew f'konvenzjonijiet internazzjonali, kif ukoll f'sett ta' valuri, standards u prinċipji li huma rikonoxxuti komunement, li mhux bilfors iridu jissemmew b'mod espliċitu fi ftehim. Il-ftehimiet internazzjonali jistgħu jkunu bilaterali (jiġifieri bejn żewġ stati sovrani) jew multilaterali (jiġifieri bejn iktar minn żewġ stati). Ferm ta' spiss, dawn ikunu ppreparati u nnegozjati fi ħdan organizzazzjoni internazzjonali [bħan-Nazzjonijiet Uniti](#) (NU), [il-Kunsill tal-Ewropa](#) u ħafna oħrajn. Sorsi importanti ieħor tad-dritt internazzjonali hija l-ġurisprudenza tal-qrati internazzjonali.

Hemm bosta sorsi ta' informazzjoni disponibbli pubblikament dwar id-dritt internazzjonali. Din hija lista mhux eżawrjenti:

- [Il-Ġabra tat-Trattati tan-NU](#),
- [In-NU - il-Liġi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem](#),
- [Il-Kunsill tal-Ewropa - il-Konvenzjonijiet](#): drittijiet tal-bniedem, demokrazija, kooperazzjoni ġudizzjarja,
- [L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali \(IMO\)](#): il-liġi tal-baħar
- [Il-Kummissjoni Internazzjonali dwar l-Istatus Ċivili \(ICCS\)](#),

- [L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ \(WTO\)](#): id-dritt kummerċjali internazzjonali,
- [L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles \(EFTA\)](#) u [ż-Żona Ekonomika Ewropea \(ŻEE\)](#),
- [L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u għall-Iżvilupp Ekonomiku \(OECD\)](#) - [il-Konvenzjoni dwar il-Ġlieda Kontra t-Tixħim](#),
- [Is-Sistema ta' Informazzjoni Elettronika għad-dritt Internazzjonali \(EISIL\)](#) tal-American Law Society,
- [Il-Konferenza tal-Aja](#) dwar id-Dritt Internazzjonali Privat (HCCH): tista' ssib il-konvenzjonijiet u l-ftehimiet f'dan il-qasam u anki taqsimiet b'informazzjoni speċjalizzata rigward il-legalizzazzjoni tad-dokumenti għal użu internazzjonali ("[postilla](#)"), il-kunsinna tad-dokumenti, il-ħtif tat-tfal u l-adozzjoni.

In-Nazzjonijiet Uniti ħolqot ukoll [il-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali](#). Il-kompitu huwa li tippromwovi l-iżvilupp progressiv tad-dritt internazzjonali u l-kodifikazzjoni tiegħu. Għal dan l-għan, hija tippubblika studji u stħarriġ, tiġbor preċedenti u telabora proposti għal trattati ġodda. Xogħol il-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali wassal għal għadd ta' trattati importanti u għal xogħlijiet prinċipali oħrajn tad-dritt internazzjonali.

■ L-aħħar aġġornament: 12/03/2026

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.